MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2013

Numru. 1131/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs**

**Omissis**
**Stephen Francis Galli**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuzi migjuba kontra

Omissis, u

Stephen Francis Galli, ta' 46 sena, iben il-mejjet Servilio u Carmen xebba Elul, imwieled Washington fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, fit-22 ta' Awwissu, 1964 u residenti gewwa l-

fond numru 17, Triq San Girgor, Sliema u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 191009L;

**U akkuzati tnejn flimkien talli**:

Nhar id-29 ta' Ottubru, 21010, matul il-jum u cioe ghall-habta tal-hdax neqsin ghoxrin minuta ta' filghodu, f' dawn il-Gzejjer u cioe gewwa Appartament numru 601, White Mansions, Triq Ghar id-Dud, Sliema, ikkommettew serq ta' diversi oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-persuna u kif ukoll bil-valur li jeccedi s-somma ta' €232.91c izda inqas minn €2329.37c, u li sehh ghad-detriment ta' Nicole Campbell, u/jew persuna jew persuni ohra;

**Omissis wahdu gie akkuzat ukoll talli**

Nhar id-29 ta' Ottubru, 2010, ghall-habta ta' l-erbgha w kwart ta' wara nofsinhar, waqt li kien jinsab gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema, harab mill-kustodja tal-persuna jew persuni nkarigati mill-kustodja tieghu;

Akkuzat ukoll talli kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b' zewg sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta;

U finalment akkuzat ukoll talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

**Stephen Francis Galli wahdu gie akkuzat ukoll talli**

Xjentement nhar id-29 ta' Ottubru, 2010, laqa' ghandu jew gieghel lil haddiehor li jilqa' ghandu persuna li kontra taghha jkun hemm ordni ta' arrest ghal reat suggett ghall-piena ta' prigunerija ghal aktar minn tlett xhur, inkella li l-Pulizija Ezekuttiva tkun fitxet sabiex tarrestah ghal dak ir-reat, jew li tkun harbet wara li kienet giet arrestata ghal dak ir-reat, u cioe lil Omissis;

Akkuzat ukoll talli fid-29 t' Ottubru, 2010, f' dawn il-Gzejjer, xjentement, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe' diversi gojjelli mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reati, jew, xjentement, b' kull mod li kien, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

U finalment akkuzat ukoll talli sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

- 261(b)(c)(d)(e), 263(a)(b), 264, 265, 266, 267, 268(b), 269(g), 278(1)(2)(3). 279(a), 280(1)(2) u 281(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 158 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta li nhar id-29 ta' Ottubru 2010 certu Dylan Rodenas ftiehem mat-tfalja tieghu (Nicole Campbell) biex jiltaqghu f'post ta' Sliema fid-9.30am. Jekk kif kienet qed tistennih fil-post miftiehem Rodenas u l-imputat dahlu, billi sgassaw il-bieb, f'l-appartament fejn kienet tghix it-tfajla ta' Rodenas, qalghu t-television u caqalquh minn postu biex jiehduh u l-imputat anke ha xi oggetti ta' deheb; huma kienu liebsin balaclava.

Illi xi hadd ra persuni liebsin balaclava diehlin go l-appartamenti ghalhekk irrappurtaw lill-pulizija li immedjatament marru fuq il-post. Huma dahlu f'l-appartament fejn kienet tghix Campbell u sabu lil Rodenas hemm hdejn it-television u kien hemm balaclava ma'l-art vicin tieghu. Malli l-pulizija dahlu f'l-appartament, wara li identifikaw lilhom infushom, u marru fuq Rodenas semghu hoss u rrealizzaw li l-persuna l-ohra, cioe l-imputat, kienet qed tahrab minn  fuq il-post mit-terrazzin ta' wara. Minn hemm l-imputat tela' fuq il-bejt. Pulizija mar jigri warajh pero l-imputat irnexxielu jahrab; fuq il-bejt halla balaclava f'l-art u anke qieghed id-deheb li kien seraq f'katusa ta' l-ilma tax-xita.

Illi fil-frattemp Rodenas gie arrestat u ttiehed l-ghassa biex jigi interrogat pero harab; huwa mar fil-post fejn kien qed jghix l-imputat Stephen Galli f'l-istess appartament ma' certu Joseph Pace. L-imputat u Pace accettaw lil Rodenas hemm ghandhom; l-imputat kien jaf li Rodenas kien harab lill-pulizija wara li kien gie arrestat. L-ghada fil-ghodu hargu minn dik ir-residenza u wara ftit gew intercettati mill-pulizija li arrestaw lill-imputat u regghu arrestaw lil Rodenas. Saru l-investigazzjonijiet necessarji u t-tnejn li huma tressqu quddiem il-Qorti akkuzati bis-serq u diversi reati ohra. Rodenas ammetta l-imputazzjonijiet kontra tieghu.

Illi dawn il-fatti jirrizlultaw ampjament mhux biss mid-depozizzjoni tal-pulizija involuti f'dan il-kaz imma anke mid-depozizzjoni ta' Rodenas, tat-tfajla tieghu, u anke mill-ezamijiet forensici li saru fosthom dak ta' DNA fuq il-balaclava li nstabet fuq il-bejt. Minn dawn l-ezamijiet irrizulta li f'din il-balaclava kien hemm tracci tad-DNA ta' l-imputat.

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma: serq aggravat bil-mezz, valur, persuna u lok; li laqa' ghandu persuna li harbet wara li kienet arrestata minhabba reat li l-piena tieghu teccedi tlett xhur prigunerija; ricettazzjoni; u recidiva.

Illi kif diga ntqal il-fatti fuq sintetizzati jirrizultaw ampjament u m'hemm l-ebda dubbju dwarhom u dwar l-involviment ta'l-imputat. Ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta li l-ewwel imputazzjoni giet pruvata b'dan li ma jirrizultax l-aggravju dwar il-persuna; anke t-tieni imputazzjoni hija pruvata. It-tielet imputazzjoni dwar ricettazzjni hija alternattiva ghas-serq ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi r-raba imputazzjoni dwar recidiva ai termini ta'l-artikoli 49, 50 u 289 tirrizulta ukoll stante li mis-sentenza esebieta jirrizulta li f'l-10 ta' Awissu 2006 l-imputat gie kundannat sentejn u nofs prigunerija ghal diversi reati inkluz dak ta' serq aggravat.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni r-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li minnha jirrizulta li l-imputat diga instab hati diversi drabi inkluz ghal reati ta' serq pero m'gharafx jirriabilita lilu nnifsu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konizjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 49, 50, 158, 261(b)(c)(e), 263(a)(b), 264, 265, 266, 267, 269(g), u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imutazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu b'dan li fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni ma jirrizultax l-aggravju tal-persuna mill-liema aggravju qed jigi liberat, u tikkundannah sentejn prigunerija u in oltre tikkundannah li jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €867.67 rapprezentanti l-ispejjez ta'l-espert nominat fil-mori ta' dawn il-proceduri u nofs l-ispejjez rinkorsi mal-hatra ta'l-esperti nominati fil-kors ta'l-inkjesta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------